MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru. 402/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**David Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi David Vella, bin Anthony u Josephine neé Schembri, imwieled fid-19 ta' Novembru 1980 u residenti fil-fond 73, Valley View, Triq il-Qrendi, Zurrieq, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 17581(M) li gie akkuzat talli nhar it-8 ta' April, 2011 ghal habta bejn 10:15hrs u 13:00hrs fil-parking area ta' hdejn il-Fanal tal-Gordan, fi Triq il-Fanal, Ghasri,

Ghawdex waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura GVA 238 tal-ghamla Land Rover;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament habat ma’ vettura JBL 386 tal-ghamla Chevrolet u kkaguna hsara involontarja ghad-dannu ta’ Martin Saliba;

2. kif ukoll meta sehhet l-imsemmija kolluzzjoni naqas li jieqaf bil-vettura u jaghti ismu, kunjomu u l-partikularitajiet tieghu u javza minnufih lill-Gwardjani Lokali jew lill-Pulizija u telaq minn fuq il-post tal-incident;

3. kif ukoll bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu id-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu id-dmir li jimpedixxi li jsir;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------